Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.10777 — PLASTIC OMNIUM / VARROC (LIGHTING DIVISION))

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 269/10)

1. Fis-6 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Compagnie Plastic Omnium SE ("Plastic Omnium", Franza), ikkontrollata minn Burelle SA (Franza),

— Id-diviżjoni tas-sistema tad-dawl ta' Varroc Lighting Systems GmbH ("Varroc Lighting Systems", il-Ġermanja).

Plastic Omnium se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Varroc Lighting Systems.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Plastic Omnium tiżviluppa, timmanifattura u tforni komponenti u moduli awtomobilistiċi (bampers, bokkini/tailgates u spoilers, sistemi ta' ħżin u twassil tal-fjuwil, stacks taċ-ċelloli tal-fjuwil, bastimenti tal-idroġenu u sistemi integrati tal-idroġenu), prinċipalment għal vetturi ħfief,

— Varroc Lighting Systems tiżviluppa, timmanifattura u tforni sistemi ta' dawl estern awtomobilistiku għal vetturi ħfief.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' tkun koperta mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha tiġi speċifikata:

M.10777 — PLASTIC OMNIUM / VARROC (DIVIŻJONI TAD-DAWL)

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' ittra elettronika, bil-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.